# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 4**

**Rikors numru 685/10SM**

**Darren Borg u David Borg**

**v.**

**Geomike Limited (C8820) u John Cauchi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Darren u David Borg, ipprezentat fis-7 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu nghad:

"1. Illi r-rikorrenti jesegwixxu xoghlijiet ta' *gypsum* u miljoramenti u benefikati ohra f'fondi immobbli.

"2. Illi r-rikorrenti esegwew, fuq inkariku tal-intimati jew min minnhom, xoghlijiet ta' *gypsum* u miljoramenti u benefikati ohra bhal tibjid u xoghol iehor relatat fil-Cote D'Azur Restaurant, li jinsab f'St. Anthony Street, Marsascala, dwar liema xoghol l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma bilancjali ta'

tnejn u ghoxrin elf disa' mija u tmienja u sittin Ewro erbghin centezmu (€22,968.40c).

"3. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu din is-somma lir-rikorrenti huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

"1. Tiddikjara illi l-intimati ghandhom ihallsu flimkien u solidalment lir-rikorrenti s-somma bilancjali ta' tnejn u ghoxrin elf disa' mija u tmienja u sittin Ewro u erbghin centezmu (€22,968.40c) rapprezentanti xoghlijiet ta' *gypsum*, tibjid u miljoramenti/benefikati ohra fil-Cote D'Azur Restaurant, li jinsab f'St. Anthony Street, Marsascala li gew esegwiti mir-rikorrenti b'inkariku tal-intimati, prevja dikjarazzjoni illi dawn ix-xoghlijiet gew effettivament rezi mir-rikorrenti.

"2. Tikkundanna lill-intimati sabiex fllimkien u solidalment ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf disa' mija u tmienja u sittin Ewro erbghin centezmu (€22,968.40c) dovuta kif fuq spjegat.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat odjern kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut John Cauchi tal-5 ta' Awwissu, 2010, li permezz taghha eccepixxa:

"1. Illi l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridka ma' l-atturi stante li kwalsiasi xoghlijiet maghmula mill-atturi saru fuq istruzzjonijiet, inkarigu u a beneficcju tal-kumpanija konvenuta, liema kumpanija hija l-prprjetarja tal-fond '*Cote D'Azur Restaurant*' fejn appuntu saru x-xoghlijiet.

"2. Illi l-eccipjent mhux debitur tal-awturi ta' l-ammont pretiz permezz tal-proceduri odjerni u kwalsiasi ammont huwa semmai dovut mill-kumpanija konvenuta Geomike Limited.

"3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Geomike Limited tal-24 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha eccepiet:

"1. Illi preliminarjament, l-esponenti Socjeta` ma hix il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti stante illi hija, fl-ebda hin u waqt, ma dahlet f'xi trattattivi mar-rikorrenti u fl-ebda hin ma awtorizzat lil imsemmi John Cauchi sabiex hu jinnegozja f'isimha ghal liema raguni ghandha tigi liberata mill-osserevanza tal-gudizzju.

"2. Fit-tieni lok, in linea ma' l-ewwel eccezzjoni, stante il-fatt illi s-socjetaq` esponenti qatt ma kellha xi relazzjoni guridika ma l-intimat l-iehor John Cauchi, it-talba rkkorrenti sabiex l-intimati jigu kundannat in solidum, ma ghandhiex tintlaqa',

"3. Illi fil-mertu, t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti peress illi s-socjeta` eccipjenti qatt ma ordnat x-xoghlijiet imsemmija fl-atti tar-rikors;

"4. Salv eccezzjonijiet ohra u kull azzjoni ohrqa li tista' tispetta lis-socjeta` eccipjenti.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li laqghet it-talbiet attrici u rrespingiet ir-risposti guramentati, ddikjarat li l-konvenuti ghandhom *in solidum* ihallsu lill-atturi s-somma bilancjali ta' €22,968.40 ghax-xoghlijiet debitament ezegwiti mill-atturi fil-fond tal-intimati u kkundannat lill-istess konvenuti sabiex ihallsu *in solidum* lir-rikorrenti s-somma likwidata. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mis-7 ta' Lulju, 2010, data tar-rikors guramentat promotur, sad-data tal-pagament effettiv.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"9.0 Illi l-fatti li taw lok ghall-vertenza in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

“9.1 Illi s-socjeta` ntimata *Geomike Limited* hi sid il-fond *Cote d’Azur Restaurant*, sitwat fi Triq Sant’Antnin, Marsaskala;

“9.2 Illi d-direttur tal-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti hu George sive Gino Cauchi, (ara foll 57 u foll 63);

“9.3 Illi fl-istess socjeta` m’hemmx aktar diretturi;

“9.4 Illi meta wara s-sena 2007 l-imsemmi fond gie biex jigi ristrutturat wara li kien ghamel zmien maghluqa, l-imsemmi direttur George sive Gino Cauchi jirrizulta li halla f’idejn huh John Cauchi, (ara foll 46);

“9.5 Illi fid-29 ta’ Lulju, 2009, ir-rikorrenti Darren Borg kien ingaggat mill-intimat John Cauchi biex jaghmel ix-xoghlijiet involuti fl-imsemmi ristrutturar, u dan wara li l-imsemmi rikorrenti Borg kien ipprezenta kwotazzjoni appozita indikattiva tax-xoghlijiet involuti li giet debitament accettata u ffirmata mill-intimat John Cauchi, (ara foll 28), ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` fuq indikata;

“9.6 Illi konsegwenza ghall-istess ir-rikorrenti bdew jezegwixxu x-xoghlijiet pattwiti ghall-habta ta’ nofs Awwissu tal-2009, u itterminawh f’Dicembru ta’ l-istess sena, (ara foll 25);

“9.7 Illi l-intimati qatt ma hallsu ghax-xoghlijiet ezewgwiti, (ara foll 25), ghajr ghal madwar hamest elef u hames mitt Ewro, (€5,500.00), akkont;

“9.8 Illi l-intimati ghad ghandhom ihallsu l-ammont mitlub mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghhom, (ara foll 29);

“9.9 Illi meta r-rikorrenti talbu lill-ahwa Cauchi biex jissaldaw l-ammont minnhom dovut, dawn bdew jindirizzaw lir-rikorrenti minn wiehed ghall-iehor inutilment, (ara foll 26);

“9.10 Illi jirrizulta wkoll li meta r-rikorrenti kien mar ikellem lil George Cauchi, id-direttur tas-socjeta` intimata, dan harab u skarta lill-istess, (ara foll 26);

“9.11 Illi x-xoghlijiet ezegwiti mir-rikorrenti kienu gew debitament certifikati bhala idonei u skont is-sengha u l-arti minn “*interior designer*” tal-intimati, (ara foll 26);

“9.12 Illi meta r-rikorrenti rriskontraw tali atitudini puerili ma kellhom l-ebda ghazla hlief li jipprocedu bil-kawza odjerna;

“9.13 Illi skont l-intimat John Cauchi, kien kemm hu, kif ukoll huh George, li kienu jiffirmaw ghax-xoghlijiet ezegwiti mir-rikorrenti fil-fond in dizamina, (ara foll 37);

“9.14 Illi fir-rigward tax-xoghol ezegweit mir-rikorrenti fil-fond *de quo* jinghad li l-intimati kienu kuntenti bl-istess u jsostnu li:

> “minn naha taghna ma kien hemm l-ebda ilmenti rigwardanti x-xoghol tal-*gypsum* li ghamel Darren Borg fir-*restaurant* in dizamina”, (ara foll 36);

“9.15 Illi *di piu`*, l-istess intimat Cauchi jammetti li r-rikorrenti:

> “Darren Borg kellu jigbor minghandu ftit anqas minn tlieta u ghoxrin elf Ewro, (€23,000.00)”, (ara foll 36);

“Ikkunsidrat:

“10.0 Illi in effetti l-intimati fuq indikati u George sive Gino Cauchi direttur uniku tas-socjeta` intimata mhux biss:

“10.1 Kienu sodisfatti mix-xoghlijiet ezegwiti mir-rikorrenti; u

“10.2 Ammettew li kellhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont rimanenti kif mitlub fir-rikors guramentat promotur;

“izda:

“10.3 Kien l-istess direttur tas-socjeta` intimata fuq indikat li fix-xhieda tieghu sostna s-segwenti:

> “… kieku kellna l-flus konna nhallsuh ghaliex jien u hija ghandha diversi kawzi bejnietna”, (ara foll 41);

“11. Illi nonostante ammissjoni lampanti bhal dik hawn esposta, l-intimati baqghu, sal-lum, inadempjenti;

“Ikkunsidrat:

“12.0 Illi rizultat tas-suespost ghandu jigi riassunt is-segwenti:

“12.1 Illi r-*restaurant* fejn gew ezegwiti x-xoghlijiet mir-rikorrenti hu proprjeta` tas-socjeta` intimata *Geomike Limited*;

“12.2 Illi l-ordnijiet biex jigu hekk ezegwiti x-xoghlijiet *de quo* fil-fond fuq riferit, saru kemm mill-intimat John Cauchi u minn huh id-direttur intimat tas-socjeta` rikorrenti *Geomike Limited*;

"12.3 Illi x-xoghlijiet ezegwiti mir-rikorrenti fil-fond *de quo* gew debitament certifikati minn *interior designer* appozitament inkarigat biex jezamina l-istess mill-ahwa Cauchi fuq gia` riferiti;

"12.4 Illi hu komdu li sussegwentement ghall-benefikati hekk ricevuti l-imsemmija ahwa jixxenaw dizgwid bejniethom li l-uniku skop tieghu hu li jevadu r-responsabbilitajiet taghhom lejn terzi;

"12.5 Illi *messa in scena* ta' din il-kwalita` tirrazenta l-agir frawdolenti attiranti s-severita` tal-azzjoni kriminali;"

Rat li l-konvenut John Cauchi nterpona appell mill-imsemmija sentenza li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tilqa' l-appell tieghu, tirriforma s-sentenza appellata billi thassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha ddikjarat li huwa ghandu jhallas *in solidum* mas-socjeta` konvenuta appellata lill-atturi appellati s-somma ta' €22,968.40 u kkundannatu jhallas l-imsemmija somma lill-atturi appellati flimkien mal-ispejjez u bl-imghaxijiet mis-7 ta' Lulju, 2010 sad-data tal-pagament effettiv u ghalhekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu u tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati u s-socjeta` appellata.

Rat li ghalkemm is-socjeta` konvenuta appellata Geomike Limited, kienet debitament notifikata, ma ressqet ebda risposta tal-appell.

Rat li wara li din il-Qorti laqghat it-talba tad-difensur tal-atturi appellati li jipprezenta risposta ghar-rikors tal-appell, l-istess atturi appellati wiegbu fis-sens li l-appell interpost ma jisthoqqlux li jigi milqugh u ghandu

ghaldaqstant jigi michud, prevja konferma tad-decizjonijiet hemm appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati jew min minnhom.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju, 2019, meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha ezebiti in atti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza titratta talba da parti tal-atturi ghall-hlas tal-bilanc fis-somma ta' €22,968.40, rapprezentanti xoghlijiet imwettqa fil-fond Cote d'Azur, Triq Sant'Antnin f'Marsascala fuq struzzjonijiet tal-konvenuti Geomike Limited (C8820) u John Cauchi jew min minnhom.

Il-konvenut John Cauchi wiegeb li mhuwiex legittimu kontradittur u m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi peress li x-xoghlijiet saru fuq struzzjonijiet, inkarigu u a beneficcju tas-socjeta` konvenuta, li hija proprjetarja wkoll tal-fond in kwistjoni u li l-ammont pretiz mill-atturi huwa semmai dovut mill-istess socjeta` Geomike Limited.

Similment is-socjeta` konvenuta wkoll ressqet l-eccezzjoni li hija mhix il-legittimu kontradittur, peress li jinghad minnha li la dahlet fi trattattivi mal-atturi u lanqas awtorizzat lill-konvenut John Cauchi sabiex jinnegozja f'isimha. Inoltre` teccepixxi li ladarba hija m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-konvenut l-iehor John Cauchi, it-talba attrici li jigu kkundannati in solidum m'ghandhiex tintlaqa'. Fil-mertu tinsisti li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi peress li hija qatt m'ordnat ix-xoghlijiet imsemmija fir-rikors promotur.

L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li laqghet it-talbiet attrici, cahdet l-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti u kkundannat lill-istess konvenuti sabiex *in solidum* ihallsu s-somma ta' €22,968.40 ghax-xoghlijiet ezegwiti fil-fond tal-intimati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mis-7 ta' Lulju, 2010, data tar-rikors promotur sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenut John Cauchi hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ressaq l-appell in ezami li jissejjes fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet zbaljati, li huma bla ebda bazi u m'ghandhom ebda riskontru fl-atti processwali. Dan jinghad minnu peress li mill-provi jirrizulta bl-ebda dubju, li x-xoghlijiet ezegwiti mill-atturi saru esklussivament ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta Geomike Limited u li huwa kien inghata l-inkarigu sabiex jiehu hsieb ix-xoghlijiet ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Inoltre` jishaq li d-direttur tas-

socjeta` konvenuta (George Cauchi) kien ben konsapevoli tax-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru fl-imsemmija proprjeta` tas-socjeta` konvenuta li kienu qeghdin jigu nkarigati bihom l-atturi u qabel dawn il-proceduri, qatt ma lmenta jew oggezzjona ghax-xoghlijiet in kwistjoni. Jinghad mill-konvenut appellant ukoll li ghalkemm huwa qatt ma kkontesta l-fatt li l-atturi appellati ghandhom jithallsu l-ammont pretiz minnhom, huwa dejjem ikkontenda li dan il-hlas ghandu jsir mis-socjeta` konvenuta peress li huwa dejjem agixxa ghan-nom taghha u qatt f'ismu personali.

Filwaqt li l-konvenut appellant jikkoncedi li nqala' disgwid bejnu u bejn id-direttur tas-socjeta` konvenuta appellata, tant li huwa gie mkecci mir-ristorant u huwa fetah kawza sabiex nofs l-ishma tas-socjeta` konvenuta jigu trasferiti f'ismu u li ghalkemm dan *per se* m'ghandux konnessjoni mal-vertenza odjerna, izda dan l-aspett jassumi relevanza fid-dawl tal-kummenti maghmula mill-ewwel Qorti. Jikkontendi li l-ewwel Qorti ghaddiet kummenti serji fil-konfront tieghu meta qalet li l-agir tieghu "jirrazenta agir frawdolenti attiranti s-severità tal-azzjoni kriminali". Mentri jishaq li meta huwa eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur u li mhux responsabbli ghall-hlas tal-ammont in kwistjoni, bl-ebda mod ma jista' jwassal li huwa qed jaghmel xi messa in xena jew addirittura qed jagixxi b'mod li jirrazenta l-frodi.

Il-konvenut appellant jaghmel rassenja tal-provi sabiex isostni li (i) x-xoghlijiet saru fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta Geomike Limited u mhux mill-konvenut appellant fil-kapacita` personali tieghu; (ii) ir-relazzjoni guridika li kienet inholqot sa mill-bidu nett kienet esklussivament bejn l-atturi u s-socjeta` konvenuta Geomike Limited. Il-konvenut appellant jaghmel referenza wkoll ghal diversi vertenzi simili ghal dik odjerna li kienu jittrattaw fornituri li gew intavolati wkoll fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, fejn huwa ssejjah fil-kawza u gie lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-konvenut appellant jishaq ukoll li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li effettivament huwa personalment ma bbenefika bl-ebda mod mix-xoghlijiet in kwistjoni, li saru biss fil-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, li ghadha tuzufruwixxi minnhom sal-gurnata tal-lum.

Jirrileva li s-socjeta` konvenuta biddlet il-linja difensjonali taghha fis-sens li ghalkemm fl-eccezzjonijiet sostniet li hija qatt ma dahlet f'negozjati mal-atturi u li hija qatt m'awtorizzat lill-konvenut appellant sabiex jinnegozja f'isimha, dawn l-eccezzjonijiet jinsabu kontradetti mill-provi. Izda fil-mori tal-proceduri s-socjeta` konvenuta alludiet li x-xoghlijiet ma kinux tajbin u li l-konvenut appellant mar oltre` il-mandat moghti lilu. Din fil-fehma tal-konvenut appellant, tikkontradixxi dak eccepit mis-socjeta` konvenuta, peress li jekk huwa kellu mandat, isegwi li huwa kien awtorizzat jagixxi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta.

Jishaq li mhux minnu li huwa mar oltre` l-mandat moghti lilu peress ix-xoghlijiet saru bil-konsapevolezza tad-direttur George Cauchi, li kien ikun prezenti, u ladarba saru varjazzjonijiet fix-xoghol, kif xehed id-*designer* Carmel Spiteri, logikament kien hemm zieda fil-prezz indikat fl-istima originali, li George Cauchi kien jaf bihom. Jinghad ukoll li anke jekk ghall-grazzja tal-argument huwa agixxa *oltre*` l-mandat lilu moghti, dan m'ghandux relevanza ghall-kawza odjerna, izda semmai taghti dritt ta' rivalsa lis-socjeta` konvenuta fil-konfront tieghu.

Fi kwalunkwe` kaz, il-konvenut appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 1880 (2) tal-Kodici Civili, fis-sens li jekk il-mandant ikun irratifika l-atti maghmula mill-mandatarju, kemm espressament, kif ukoll tacitament, allura huwa jkun obbligat u marbut bl-atti maghmula mill-mandatarju. Jargumenta li fil-kaz in ezami, m'hemmx dubju li s-socjeta` konvenuta rratifikat l-atti maghmula minnu peress li d-direttur taghha George Cauchi, qatt ma waqqaf lill-atturi waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet u s-socjeta` konvenuta wettqet ukoll pagamenti. Fl-ahhar mill-ahhar, jishaq li hija s-socjeta` konvenuta li qeghda tgawdi mix-xoghlijiet maghmula mill-atturi u qeghda ssib l-iskuzi kollha sabiex tahrab mill-obbligi taghha ta' hlas u tippretendi li jhallas ghalihom hu.

L-atturi appellati fir-risposta taghhom jikkontendu li l-appell ta' John Cauchi ghandu jigi rigettat fis-shih stante li l-appell tieghu ma

jirrigwardax jekk jezistux hlasijiet dovuti lill-atturi appellati, izda l-ilmenti tieghu huma fis-sens li kwalsiasi hlasijiet huma dovuti biss mis-socjeta` Geomike Limited u mhux minnu. Mill-banda l-ohra s-socjeta` Geomike Limited qeghda tikkontendi li l-hlasijiet huma dovuti minn John Cauchi. Kwindi l-atturi appellati jsostnu li huma qeghdin jizzeffnu fin-nofs fil-kwistjonijiet ta' bejn l-ahwa Cauchi, meta ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kwalità tax-xoghlijiet u minkejja li ghaddew ghaxar snin minn meta wettqu x-xoghlijiet, baqghu ma thallsux.

L-atturi appellati jiccitaw sentenza li titratta mertu identiku, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Marzu, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **ACMA Inox and Metal Limited v. George Cauchi et,** fejn f'dik il-kawza John Cauchi wkoll ressaq eccezzjoni li mhuwiex legittimu kontradittur peress li x-xoghol sar fuq talba ta' Geomike Limited u ghall-gid taghha u li huwa ma kellux iwiegeb personalment ghall-hlas mitlub, ladarba huwa ma kellu ebda rabta guridika mal-kumpannija attrici. Izda jkomplu sabiex jispjegaw li dik il-Qorti kkundannat lil John Cauchi wkoll sabiex ihallas lis-socjeta` attrici f'dik il-kawza u dan wara li hargu numru ta' fatti li huma identici ghall-kawza odjerna. L-atturi appellati jiccitaw fatti rizultanti mill-provi fil-kawza odjerna, fejn isostnu li huma dejjem kellmu lill-konvenut appellant u baghtu l-kontijiet kemm lil John Cauchi, kif ukoll lil George Cauchi. Dan apparti li ghalkemm sar xi hlas da parti s-socjeta` Geomike Limited, kien hemm cirkostanzi fejn l-appellant hallas

ghal xi xoghol maghmul mill-appellati. Filwaqt li jisiltu xi xhieda mill-atti tal-kawza in ezami, l-atturi appellati jishqu li kienu legalment korretti meta harrku lill-appellant John Cauchi flimkien mas-socjeta` Geomike Limited, peress li fil-fehma taghhom, huma t-tnejn ghandhom iwiegbu flimkien u soldalment bejniethom ghall-pretensjonijiet taghhom.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, l-prezunzjoni legali hija li bniedem jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, it-terz ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Hekk il-gurisprudenza tghallem, illi meta kontraenti ma jiddivulgax lill-kontraenti l-iehor <u>fil-mument tal-kontrattazzjoni</u> illi n-negozju kien qed jaghmlu f'isem kumpanija, hu prezunt li hu kien qieghed hekk jikkuntratta f'ismu personali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Anthony Caruana et v. John Magro et**., Appell, 6 ta' Ottubru 1999) Dan huwa rifless tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1871 (1) u (2) tal-Kodici Civili taht l-istitut tal-mandat, li fihom jinghad li jekk mandatarju jagixxi f'ismu, la l-mandant ma jkollu azzjoni kontra dawk li l-mandatarju jkun ikkuntratta maghhom u lanqas dawn m'ghandhom azzjoni kontra l-mandant, f'liema kaz il-mandatarju huwa obbligat direttament lejn il-persuna li maghha kkuntratta, daqs li kieku l-affari kienet tieghu nnifsu.

Dan iwassal ghal principju iehor bazilari enuncjat f'diversi sentenzi, fosthom dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu, 2002, fil-kawza **Camel Brand Co Ltd. v. Michael Debono**, fejn inghad li l-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel tali allegazzjoni. F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza tal-Prim'Awla Qorti Civili ta' l-14 ta' Novembru 1966 fil-kawza fl-ismijiet **Bernard Attard v. Raymond Cassar Torreggiani**, fejn kien ritenut minn din il-Qorti illi:

> "l-appellanti (konvenuti fil-kawza) kellhom jipprovaw mhux biss li n-negozju sar ghas-socjeta` gestita mill-appellant imma wkoll illi **fil-mument meta sar tali negozju s-socjeta' attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi min pogga l-ordni maghha u min maghha kien ikkonkluda n-negozju kien qieghed f' dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta' gestita mill-konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata**"

Naturalment, kif ukoll ritenut, "jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkustanzi ta' kull kaz biex jasal ghal konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji" (Ara sentenza fl-ismijiet **Lawrence Formosa et nomine v. Silvio Felice,** Appell, 6 ta' Ottubru, 1999)

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwistjoni kollha li ghandha tigi nvestita f'dan l-appell hija: (i) jekk John

Cauchi kienx qieghed jagixxi f'ismu jew f'isem is-socjeta` konvenuta Geomike Limited u (ii) jekk John Cauchi kellux il-kunsens ta' huh George, bhala Direttur u azzjonist tas-socjeta` Geomike Limited, meta kkuntratta x-xoghlijiet, biex jordna li jsiru x-xoghlijiet li taghhom qieghed presenzjalment jintalab il-hlas.

Fir-rigward tal-ewwel kwezit, l-attur Darren Debono xehed quddiem l-ewwel Qorti li huwa gie mqabbad jaghmel ix-xoghlijiet minn John Cauchi, li ffirma wkoll l-istima ppreparata u li huwa kien jitkellem kemm ma' John Cauchi, kif ukoll ma' George Cauchi, peress li dawn kienu shab fir-ristorant fejn saru x-xoghlijiet. Min-naha l-ohra l-konvenut appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti fis-sens illi:

> "Darren Borg kien imqabbad biex jaghmel il-gypsum fir-restaurant. Konna ngarigajnieh jiena u George Cauchi….Ix-xoghlijiet minn Darren Borg gew inkarigati mis-socjeta` Geomike Limited u hija George Cauchi kien direttur f'din il-kumpannija, jiena kont silent partner ukoll fl-istess kumpanija. Mistoqsi jekk dawn ix-xoghlijiet f'dan ir-restaurant li ghalihom kien inkarigat li jsiru minn Darren Borg, iffirmajt ghalihom jiena personalment, nghid li kemm jiena u kemm George konna niffirmaw ghal dawn ix-xoghlijiet. Jiena kont silent partner ghaliex fl-2005 jiena hrigt ammonti ta' flus biex nixtri l-mara ta' George Cauchi mis-separazzjoni u dhalt flokha, dak kien ftehim bejnietna u bqajna hekk."

Fid-dawl ta' din ix-xhieda kunfliggenti bejn il-kontendenti fil-kawza, huwa ritenut mill-aktar rilevanti l-fatt li l-istima li nharget *a tempo vergine* mill-atturi fid-29 ta' Mejju, 2009, kienet intestata "George Cauchi and/or John Cauchi, Geomike Ltd, 1-4 Saint Anthony Street, M'Scala." Filwaqt li l-

istess stima jirrizulta li giet iffirmata minn John Cauchi "**for and on behalf of Cote d'Azur – Geomike Limited**". Il-fattura li nharget mill-atturi appellati, wara li tlestew ix-xoghlijiet fl-20 ta' Novembru, 2009, giet indirizzata lil "George Cauchi – Geomike Ltd." Dawn il-provi fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkorroboraw il-verzjoni tal-konvenut appellant. Dan il-fatt fih innifsu, jindika li meta l-atturi gew inkarigati mix-xoghlijiet, huma kienu ben konsapevoli li x-xoghol kien qieghed isir a favur tas-socjeta` Geomike Limited u mhux favur il-konvenut John Cauchi personalment. Ghalhekk, l-ewwel Qort zbaljat meta ddecidiet mod iehor, in kwantu l-provi juru li l-konvenut appellant kien tant ghamilha car li x-xoghol kien qieghed isir favur is-socjeta` appellata Geomike Limited, li isimha jidher kemm fuq l-istima, kif ukoll fuq il-fattura.

Dan il-fatt jikkuntrasta ferm mac-cirkostanzi tal-kaz fis-sentenza citata mill-atturi appellati, in kwantu dik il-Qorti sabet lill-ahwa Cauchi solidalment responsabbli ma' Geomike Limited wara li kkonstatat illi:

> "Fil-kaz ta' persuni ohrajn imqabbdin biex jaghtu s-servizzi professjonali taghhom fix-xoghlijiet ta' tisbih u titjib li kienu qeghdin isiru fir-ristorant, l-imharrkin kienu gharrfuhom b'Geomike u kienu accettaw fatturi mahrugin fuq isimha u mhux fuq isimhom, filwaqt li fil-kaz ta' Acma, baqghu jaccettaw il-hrug ta' fatturi fuq isimhom."

Ghalkemm dik is-sentenza tinsab appellata, l-paragun maghmul mis-socjeta` appellata ma' dak il-kaz ma jregix, in kwantu c-cirkostanzi tal-kaz, kif jirrizulta mis-silta appena citata, ma kienux identici ladarba

f'dan il-kaz ma jirrizultax li John Cauchi accetta jew iffirma f'ismu personalment. Hekk ukoll is-sentenzi l-ohra kollha citati mill-konvenut appellant huma konsistenti fis-sens li, John Cauchi ma kienx jagixxi f'ismu personali, izda fit-twettiq tal-inkarigu moghti lilu, agixxa f'isem is-socjeta` konvenuta Geomike Limited. Fil-fehma ta' din il-Qorti hekk gara f'dan il-kaz ukoll, kwindi l-konvenut appellant ghandu ragun fir-rigward ta' dan l-aggravju. Lanqas il-fatt li l-konvenut appellant John Cauchi seta' wettaq xi hlas favur l-atturi appellati ma hu argument xieraq ta' prova li l-konvenut appellant ikkuntratta f'ismu personalment, peress li mhux biss mill-provi jirrizulta wkoll li s-socjeta` konvenuta Geomike Limited wettqet hija stess zewg pagamenti tramite l-bank li hija sselfet minghandu, talli l-hlas fih innifsu mhux prova konklussiva dwar min ikkuntratta x-xoghol, peress kif inhu maghruf, terza persuna tista' thallas id-dejn ta' haddiehor.

Dan iwassal ghat-tieni punt, cioe` jekk John Cauchi kellux il-kunsens ta' huh George, dak iz-zmien Direttur u azzjonist fis-socjeta` konvenuta Geomike Limited, meta kkuntratta x-xoghlijiet li taghhom qieghed jintalab il-hlas permezz tal-kawza odjerna. Jigi osservat li ghalkemm fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta tikkontendi li hija mhux legittimu kontradittur, peress li la dahlet fi trattattivi mal-atturi u lanqas awtorizzat lil John Cauchi sabiex jinnegozja f'isimha, din l-eccezzjoni tinsab kontradetta mix-xhieda permezz ta' affidavit tad-direttur George

Cauchi li jixhed li meta ddecieda jaghmel ix-xoghlijiet fir-ristorant tieghu, dan kien halla f'idejn huh John Cauchi, bl-intendiment li kellu jinvesti fl-istess ristorant u eventwalment isiru shab fin-negozju. Isegwi li altru li John Cauchi kien f'dan is-sens awtorizzat.

L-istess xhud, jikkontendi li filwaqt li l-ammont ta' flus allokati mis-self tal-bank ghax-xoghlijiet suggett tal-kawza odjerna kienu jammontaw ghal €21,971, l-istima originali tal-atturi kienet fl-ammont ta' €12,000 u s-socjeta` Geomike hallset is-somma akkont ta' €4,000 lill-atturi permezz tal-imsemmi self mill-bank, meta tlestew ix-xoghlijiet ma kienx fadal flus fil-bank sabiex jithallsu l-atturi. Huwa jilmenta li ghalkemm kien hemm self allokat ta' €370,000, John Cauchi nefaq aktar minn €500,000 meta ma kienx awtorizzat li jaghmel dan. Inoltre` jikkontendi li m'ghandux il-mezz li jkejjel u jikkalkula x-xoghol li sar mill-atturi peress li l-kontijiet m'ghandhomx referenzi ghall-kejl, kwantita u prezzijiet, kwindi ma jistax jaccetta li jsiru hlasijiet bl-addocc minghajr ma jikkonferma x-xoghlijiet, meta l-atturi kienu dahlu ghax-xoghol in kwistjoni bil-prezz ta' €12,000.

Izda ghandu jinghad li din ix-xhieda ta' George Cauchi ma tikkonvincix lil din il-Qorti. Jibda billi jigi osservat li, mill-istima tal-atturi esebita in atti jirrizulta li din ma kenitx fl-ammont ta' €12,000, izda fl-ammont ta' €15,839 ghal xoghlijiet tal-gypsum (li kienet teskludi l-VAT) u ghalkemm kienet taghti rata ghaz-zebgha u rata ghat-tibjid, ma kenitx tinkludi

xoghlijiet hekk imsejha “extra”. Mill-fattura jirrizultaw numru ta’ partiti “extra”. Issa apparti li l-konvenut appellant u l-attur appellat jaqblu fis-sens li l-istess George Cauchi kien involut fin-negozjati u gieli kien ikun prezenti ukoll waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, l-aktar xhieda relevanti f’dan il-kuntest hija dik ta’ Carmel Spiteri, li hadem bhala *interior designer* fuq dan il-progett li xehed:

> “Ix-xoghol li ghamilt jien fir-rigward hu li ddizinjajt il-htigijiet li riedu dawn l-ahwa Cauchi u d-disinn ninforma lill-Qorti li huwa process kontinwu u jinbidlu skont l-esigenzi li jqumu minn zmien ghal zmien, u dan aktar bhala evoluzzjoni tal-ewwel (1) hsieb originali. Iz-zewgt (2) ahwa kienu nvoluti f’dan il-progett. Iz-zewgt (2) ahwa kienu jkunu nfurmati bl-evoluzzjoni u l-kambjamenti riskontrati fil-progett. Kien ikollna laqghat regolari, kemm fl-ufficcju tieghi u kemm fuq is-sit fejn kien qed isir ix-xoghol. Mistoqsi jekk George Cauchi qattx waqqafni, nghid illi kulhadd ikollu l-idejat tieghu personali. Pero` jien nahdem b’mod illi ninvolvi lis-sidien fix-xoghol li nkun qed naghmel u ma naghmel xejn biex inkun ghamiltu. Id-disinn tieghi ghandu funzjoni partikolari li ried jissodisfa l-klijenti tieghi. George Cauchi lili qatt ma waqqafni.
>
> Rigward is-soffitt naf illi kien involut fih certu Darren Borg**. Rigward is-soffitt kien hemm kambjamenti fid-disinn.** Fil-fatt mir-ricerka li ghamilt sibt erba’ (4) disinni differenti ta’ dan is-soffitt. **Mistoqsi jekk dan il-kambjament kellux effett fuq il-prezz finali, nghid, iva ghaliex bdilt ix-xoghol. Ghalhekk il-prezz oghla. George Cauchi kien jaf b’dan**.”

Kwindi ghalkemm jirrizulta li l-istima originali kienet iffirmata mill-konvenut appellant John Cauchi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Geomike Limited, debitament awtorizzat kif appena spjegat, peress li kien ikun l-aktar prezenti fuq il-lant tax-xoghol, din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li George Cauchi, d-direttur u azzjonist tas-socjeta` konvenuta kien ben konsapevoli ta’ dak kollu li kien qieghed jigri. Mhux

talli mill-provi in atti ma rrizultax illi John Cauchi kellu xi restrizzjonijiet fil-mandat tieghu li jiehu hsieb it-twettiq tax-xoghlijiet, fil-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, talli George Cauchi stess kien partecipi fil-bidliet u fiz-zieda tax-xoghlijiet u li kien ikun xi kultant prezenti waqt it-twettiq ta' xoghlijiet u ma ghamel xejn sabiex iwaqqaf l-istess xoghlijiet. Ladarba ma jirrizultax li l-konvenut appellant John Cauchi agixxa barra mill-limiti tal-mandat moghti lilu u fi kwalunkwe` kaz, is-socjeta` konvenuta hekk kif rapprezentata mid-direttur taghha George Cauchi, rratifikat tacitament l-eghmil ta' John Cauchi, in kwantu approva z-zieda fix-xoghol li gab mieghu l-bidla fid-disinn imwettaq fuq inkarigu tieghu wkoll, l-argumenti tas-socjeta` konvenuta li qatt ma' awtorizzat lill-konvenut John Cauchi sabiex jinnegozja f'isimha, jew li hija qatt ma ordnat ix-xoghlijiet suggett tal-kawza odjerna, ma jregux. Kwindi l-aggravju tal-konvenut appellant f'dan ir-rigward ukoll jimmerita li jintlaqa'.

Isegwi li minn ezami tal-provi in atti jirrizulta li, tabilhaqq meta l-appellant John Cauchi ghamel it-trattattivi mal-atturi appellati dan sar ghan-nom tas-socjeta` Geomike Limited, kif debitament awtorizzat u li x-xoghol sar ghall-beneficcju tar-ristorant Cote d'Azur, proprjeta` ta' Geomike Limited. Ghalkemm mill-atti jidher li fil-mument li sehh il-kuntratt ta' appalt, George Cauchi kien id-direttur u azzjonist f'din is-socjeta` konvenuta, illum il-gurnata hemm ukoll sentenza finali tal-Prim'Awla tal-

Qorti Civili tal-10 ta' Marzu, 2016, li ddikjarat li l-konvenut appellant ghandu dritt ghat-trasferiment ta' nofs l-ishma fl-istess socjeta` Geomike Limited (Rikors Numru 716/2010 fl-ismijiet **John Cauchi et v. George Cauchi et).** Din is-sentenza ma jirrizultax li giet appellata.

Fil-fehma ta' din il-Qorti sewwa jghid il-konvenut appellant li dawn il-proceduri msemmija, fihom infushom, ghalkemm mhumiex daqstant relevanti ghall-vertenza in ezami, huma evidenza li kuntrarjament ghal dak implikat mill-ewwel Qorti, qajla jista' jinghad li l-ahwa Cauchi kienu qeghdin jixxenaw dizgwid. Anzi kien tali dizgwid bejn l-ahwa li wassal ghall-qofol ta' numru ta' kawzi li fihom diversi kuntratturi kellhom ifittxu ghad-dritt taghhom ghall-hlas, inkluz dik odjerna. Huwa minnu wkoll li l-atturi m'ghandhom ebda tort ghad-dizgwid li nqala' bejn l-ahwa u m'ghandux ikun li huma jbatu l-konsegwenzi, izda jibqa' l-fatt li huma kienu ben konsapevoli li x-xoghol ikkuntrattat lilhom kien qieghed isir ghas-socjeta` konvenuta Geomike Limited u hija din is-socjeta` li ghandha twiegeb ghall-pretensjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, tilqa' l-appell interpost mill-konvenut appellant John Cauchi li tvarja u tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li cahdet l-eccezzjonijiet tieghu u ddikjarat lill-appellant John Cauchi

ghandu jhallas *in solidum* mas-socjeta` konvenuta s-somma ta' €22,968.40 (tnejn u ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sittin ewro, u erbghin centezmu) lill-atturi, flimkien mal-ispejjez u l-imghax kif deciz mill-ewwel Qorti.  Ghalhekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut appellant John Cauchi, izda tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Geomike Limited.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu in kwantu ghal sehem ta' terz mill-atturi u in kwantu ghas-sehem ta' zewg terzi mis-socjeta` konvenuta Geomike Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr